MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 6/2006/1

**Alfred Mifsud**

**vs**

**Dr. Tony Buttigieg M.D.**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Ottubru, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Dicembru, 2005 li permezz tieghu il-konvenut qed jigi mitlub ihallas lill-attur is-somma ta' mija u sebghin Liri Maltin (Lm170.00) rapprezentanti prezz ta' materjal u 'mano d'opera' ghax-xoghol ta' tikhil fuq l-istallazzjoni tal-elettriku, liema

xoghol sar mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut fil-fond 2/3, Triq Gheriexem, Sqaq Nru.1, Rabat, bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-konsult legali (Lm11.80) u kof ukoll bl-imghaxxijiet legali kontra l-konvenut li qed jigi minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha huwa qal illi (1) is-somma imhallsa lis-Sur Alfred Mifsud u dak miftiehem bejniethom qabel ma nbeda x-xoghol ta’ dawl fid-dar tieghu, cioe` Lm15 ghal kull *point* ta’ dawl, (2) illi d-differenza li qieghed jitlob is-Sur Mifsud, ta’ Lm170 jammonta ghall-Lm5 izjed ghal kull *point* ta’ dawl mizjud fuq il-kont wara li tlesta x-xoghol u li qatt ma ssemma` qabel, (3) illi x-xoghol ta’ tikhil li jsemmi fl-Avviz kien tlesta biss parzjalment, u b’mod u manjiera tant hazin, li huwa stess waqqfu milli jkomplih, u (4) illi Alfred Mifsud naqas isemmi illi dam hames xhur biex ibiddel id-dawl f’nofs id-dar tieghu, waqt liema zmien huwa ghex taht inkonvenjent enormi, parzjalment minghajr provista ta’ dawl minhabba li diga` kien nbeda x-xoghol. Minkejja dan, xorta wahda hallastu s-somma shiha kif ftehmna.

Ra d-dokumenti kollha prodotti u sema` x-xhieda kollha prodotti;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi l-attur qed jitlob hlas ta’ mija u sebghin Liri Maltin (Lm170) rapprezentanti prezz ta’ materjal u ‘mano d’opera’ ghal xoghol ta’ tikhil fuq l-istallazzjoni ta’ l-elettriku, liema xoghol sar fuq inkarigu tal-konvenut fil-fond indikat fl-Avviz;

Illi l-attur fix-xhieda tieghu (15.06.06) jghid illi kienu ftehmu prezz fiss ghal kull *point* tad-dawl, u fil-fatt kien beda x-xoghol skond dak il-ftehim,

u jiddikjara wkoll illi kien thallas tax-xoghol minnu maghmul.

Illi l-attur jghid illi kien hemm fuq il-post bajjad illi kien telaq – u l-konvenut talab lilu sabiex jaghmel ix-xogholijiet hu, u "ghalkemm ma kienx xogholi u jiena ghidtlu li ma kienx xogholi, pero` spiccajt ghamilt x-xoghol ta' tikhil jiena".

Illi l-attur jghid wkoll illi ma jistghax jikkalkula s-sieghat li hadem fuq it-tikhil, pero` jghid wkoll illi xtara c-cement u r-ramel hu (Dok AM1 – a fol 15) u li ghamel ix-xoghol sewwa kif titlob is-sengha u l-arti.

Illi l-konvenut minn naha tieghu xehed illi kien ftiehem ma' l-attur prezz fiss ta' hmistax il-Liri Maltin (Lm15) ghal kull *point* tad-dawl, "izda rrizulta meta baghtli l-kont……… il-kont kien jammonta ghal ghoxrin Liri Maltin (Lm20) kull *point*". U jkompli l-konvenut jghid illi l-mija u sebghin (Lm170) jirrapprezentaw appuntu Lm5 kull *point* illi ma hallasx peress illi kien miftiehem bil-prezz ta' Lm15 il-*point*.

Il-konvenut esebixxa bhala Dok AB1 l-kont illi huwa rcieva minn ghand l-attur – u jghid illi issa l-attur qed jippretendi l-hlas ta' Lm170 ghat-tikhil – meta qatt ma` ssemma hlas ta' dan ix-xoghol.

Illi l-konvenut wkoll esebixxa numru ta' ritratti li juru xoghol 'hazin' ta' tikhil. Jghid il-konvenut illi "fl-ebda hin ma tani sinjali illi kien ser jiccargjani ta' dawk ix-xogholijiet".

It-Tribunal jikkunsidra illi l-partijiet taw zewg versjonijiet differenti. Jikkunsidra wkoll pero` illi mhux ikkontestat illi ma kienx hemm qbil dwar il-prezz tax-xoghol ta' tikhil, hekk wkoll kif ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni illi l-prezz miftiehem ghax-xoghol ta' l-elettriku kien ta' hmistax il-Liri Maltin (Lm15) kull *point*.

B’dana kollu, kif jidher minn Dok AB1, l-attur hareg il-kont tieghu bbazat fuq il-prezz ta’ ghoxrin Liri Maltin (Lm20) ghal kull *point*.

Illi jirrizulta illi ghamel il-konvenut kien illi ikkunsidra illi kien hemm 34 *points* u naqqas hames Liri Maltin (Lm5) ghal kull wiehed minnhom, biex naqqas total ta’ Lm170 mill-kont u hallas il-bqija;

Minn naha tieghu, l-attur issa qed jitlob dak il-hlas in rapprezentanza ta’ materjal u mano d’opera ghax-xoghol ta’ tikhil.

It-Tribunal jikkunsidra illi mhux korrett illi l-attur nefah il-kont tieghu tax-xoghol ta’ l-elettriku sabiex igib anke l-prezz tax-xoghol tieghu ta’ tikhil. Jikkunsidra dan l-agir bhala konferma ta’ kemm il-partijiet ma kienx ftehmu prezz ghax-xoghol ta’ tikhil, anzi jaghmel il-verzjoni tal-konvenut illi kien fehem illi mhux ser ikun mitlub ihallas ta’ dawn ix-xogholijiet. Huwa wisq probabbli illi meta l-attur hareg il-kont tieghu, dan kellu ripensament u allura gholla l-prezzijiet tieghu fuq il-*points* tad-dawl, meta pero` dawn kienu maqbula minn qabel.

La kien hemm ftehim fuq il-prezz ghal kull *point*, kien ukoll fl-interess tal-attur illi jiftiehem prezz ghat-tikhil u allura sa hawnhekk kien korrett l-konvenut illi jnaqqas s-somma ta’ mija u sebghin Liri Maltin (Lm170) mil-kont Dok AB1.

Mill-provi prodotti u mill-apprezzament tal-provi li jaghmel dan it-Tribunal, inkluz ir-ritratti u l-istess xhiedha ta’ l-attur illi jikkonferma illi kellu complaints dwar ix-xoghol ta’ tikhil, it-Tribunal wkoll ihoss illi l-konvenut rnexxielu jipprova illi x-xoghol ta’ tikhil fuq kollox ma sarx skond is-sengha u l-arti.

> Jekk it-tikhil ma kienx mestjer ta’ l-attur - “ghalkemm ma kienx xogholi…….. pero` spiccajt ghamilt ix-xoghol ta’ tikhil jiena” – allura l-attur ma jmessux intriga b’dak ix-xoghol. Pero` it-Tribunal ihoss illi jkun gust illi jekk l-attur ma’ jithallasx tax-xoghol ta’ tikhil ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija, pero` ghandu almenu jigi kkumpensat l-ispejjes illi huwa ghamel relattiv ghat-tikhil (Dok AM1) fl-ammont ta’ erbgha u tletin Liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm34.95).
>
> Ghaldaqstant, it-Tribunal, b’ekwita`, u wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ha konjizzjoni tal-fatti kollha rizultanti f’dan il-kaz, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` t-talba ta’ l-attur limitament ghas-somma ta’ erbgha u tletin Liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm34.95), jichad parzjalment l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur s-somma biss ta’ erbgha u tletin Liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm34.95), bl-imghax mill-lum.
>
> Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal jiddeciedi ukoll billi kull parti ghandha tissaporti l-ispejjes rispettivi taghha.”

L-attur hassu aggravat b’ din is-sentenza u ntroduca appell minnha. Huwa jirrikorri ghad-dispost ta’ l-Artikolu 8 (2) ta’ l-Att V ta’ l-1995 biex isostni l-punt illi s-sentenza tiddifetta kontra d-dritt ekwitativ u dan ippregudika l-jeddijiet tieghu. B’ mod generali l-appellanti jikkritika l-apprezzament li ghamel it-Tribunal tal-provi prodotti ghal fini li b’ hekk isahhah il-kontenzjoni tieghu illi huwa jimmerita l-hlas reklamat ghax-xoghol extra ta’ tikhil ezegwit minnu;

Dan premess, m’ hemmx kwestjoni illi fit-termini ta’ l-Artikolu 7 (1) ta’ l-Att imsemmi, il-kompetenza funzjonali

tat-Tribunal hi dik li jiddeciedi l-kontroversja quddiemu principalment skond ir-regola ta’ l-ekwita`. Issa huwa veru illi t-Tribunal, kif allura presjedut, jintroduci fil-parti decizorja tas-sentenza tieghu s-solita formula konsweta, adoperata fis-sentenzi kollha pronunzjati minnu illi dik id-decizjoni tieghu ttiehdet “b’ ekwita”. Il-Qorti tissuspetta li dak it-Tribunal jaghmel dan ghal konvinzjoni tieghu li fl-ghoti tas-sentenza huwa qed juniforma ruhu ma’ l-imsemmi dispost tal-ligi. Jibqa’ l-fatt illi mhux kull gudizzju moghti mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghandu awtomatikament insit fih valutazzjoni bazata fuq l-ekwita, u allura wiehed ghandu jkun ferm gwarding li ma jikkonfondix flimkien l-uzu ta’ l-ekwita ma’ dak tad-diskrezzjonalita`. Kif inhu risaput, dan l-ahhar metru ta’ valutazzjoni hu rizervat lil kull gudikant u jirrigwarda l-mod li bih dan jassolvi l-funzjoni tieghu u jirrisolvi l-vertenza quddiemu fil-liberta ta’ dik il-valutazzjoni tal-provi ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu;

Dan qed jigi rilevat in kwantu, fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, fid-decizjoni kkontestata ma tarax li sar gudizzju strettament ekwitativ daqskem gudizzju bazat unikament fuq il-konsiderazzjonijiet fattwali emergenti mill-provi taz-zewg kontestanti;

Ghandu jinghad li kemm fil-kaz ta’ l-uzu tar-regola ta’ ekwita`, kif ukoll f’ dik tad-diskrezzjonalita`, hu mistenni dejjem li l-principju wiehed jew l-iehor irid jithaddem fil-konfini tal-fattispeci konkreti tal-kaz u s-sentenza taghti hjiel xieraq u intelligibbli tal-perkors argomentativ segwit mit-Tribunal fit-thaddim tal-principju. Hu proprju dan il-perkors li fil-kaz in ezami jikkontrasta l-appellanti. In succint, ghal dak li jiswa, huwa jissottometti illi una volta t-Tribunal ikkonkluda li l-attur m’ ghandux jithallas ghax-xoghol extra ta’ tikhil ghax il-prezz tieghu ma kienx miftiehem, jew ukoll, ghaliex il-konvenut ma kienx ser ikun mitlub ihallas ghalih, il-kwestjoni li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti ma kellhiex ticcentra;

Ezami, anke superficjali, tas-sentenza appellata ma taghmelx sostenibbli din is-sottomissjoni. It-Tribunal iddetermina li l-partijiet ma kienux ftehmu minn qabel dwar ix-xoghol ta' tikhil kif hekk kienu ghamlu fir-rigward tax-xoghol ta' l-elettriku. Huwa mbaghad gibed l-inferenza illi gjaladarba kien hemm maqbul prezz fiss ghal kull *point* l-appellanti messu zamm ma' dan il-ftehim u messu ha hsieb ukoll li jiftiehem preventivament prezz ghat-tikhil. Sa hawn ir-ragonament tat-Tribunal la jidher illogiku u lanqas inkongruwu. Mhux dan biss pero`. Mill-istess rizultanzi probatorji u skond il-poter diskrezzjonali tieghu huwa sab li, fil-kumpless, linerjament ma' l-eccezzjoni sottomessa mill-appellat, ix-xoghol ezegwit ma kienx adegwat u skond dik is-sengha li tiggarantixxi l-bonta tax-xoghol. Ir-ragonament li segwa minn din il-konstatazzjoni lanqas jista' jinghad li hu vizzjat fid-dritt;

Inghad fis-sentenza fl-ismijiet "**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia *et nomine***", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972 illi "l-appaltatur ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dana x-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b' mod li 'l quddiem juri difetti. F' kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem";

Thares minn fejn thares lejja, sew jekk mil-lat ekwitativ jew minn dik tad-diskrezzjonalita`, ma jidherx, fil-hsieb tal-Qorti, illi l-motivazzjoni tat-Tribunal tiddifetta fl-apprezzament ta' l-elementi ta' fatt utilizzati ghall-formazzjoni tal-konvinciment u tal-konkluzjoni raggunta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------